IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**

**MINUTI tal-Laqgħa A 33**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija Itaqa' nhar**
**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013 fis-6.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 pm

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A32**

1.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A32 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Il-minuti ġew approvati. *(Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A32)*

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A32** *(Punti li joħorġu mill-Minuti A32)*

2.01 2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-perit għandu jagħtina l-istimi fil-jiem li ġejjin. *(*Patching* f'Tas-Sirena)*

2.02 3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ittra dwar l-*istatistical report* intbagħtet iżda li għad m'għandniex risposta. *(Applikazzjoni mal-MEPA dwar bini ta' blokk appartamenti fi Triq Patri Tumas Xerri)*

2.03 3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kumitat Amministrattiv jista' jagħmel l-oġġezzjoni tiegħu flimkien mal-oġġezzjoni li se jippreżentaw ir-residenti. Il-Kumitat Amministrattiv qabel li l-oġġezzjoni għandha ssir sabiex nuru li kemm il-Kumitat Amministrattiv kif ukoll il-Kunsill Lokali qed jappoġġjaw lir-residenti li qed joġġezzjonaw għal dan l-iżvilupp. Il-Kumitat qabel unanimament. *(Oġġezzjoni għall-iżvilupp fi Triq Patri Tumas Xerri)*

KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

**3.00 Komunikazzjoni mill-membri**

3.01 Is-Sur Paul Galea qal li hemm applikazzjoni oħra mal-MEPA għall-iżvilupp ta' erbgħin appartament ieħor fi Triq il-Fiera. Żvilupp ta' erbgħin appartament fi Triq il-Fiera

Is-Sur Paul Grech saħaq li jekk għadna biċ-ċans li noġġezzjonaw, il-Kumitat Amministrattiv għandu jissottometti oġġezzjoni mal-MEPA. Dan minħabba li r-residenti tal-Baħrija diġà qed jaffaċċjaw problema bil-fossa peress li mhux qed tlaħħaq mal-konsum tar-residenzi eżistenti. Il-Kumitat qabel.

Is-Sur Paul Grech talab li ssir applikazzjoni ma' Transport Malta u mal-MEPA sabiex it-triq tal-Fiddien titwessa'. Talba biex triq il-Fiddien titwessa'

Is-Segretarju Eżekuttiv saħqet li din it-talba trid titla' għall-approvazzjoni tal-Kunsill peress li parti minn Triq il-Fiddien tagħmel mar-Rabat. Il-Kumitat qabel unanimament.

3.03 Is-Sur Paul Galea talab biex kull meta ssir applikazzjoni mill-kuntratturi li jkunu ser jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni u trinek fit-toroq, dawn għandhom jerġgħu jerġgħu jagħmlu s-sinjali tat-traffiku fl-istat oriġinali tagħhom. Huwa saħaq li hemm numru ta' *cats eyes* neqsin. Il-Kumitat qabel. Kundizzjoni fil-permessi li noħorġu lill-kuntrattur li jaħdmu fuq it-toroq

**4.00 Affarijiet oħra**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ittra oħra li l-Kumitat Amministrattiv kien irċieva mingħand ir-resident is-Sur Joseph Attard. Dan ir-resident għal darb'oħra kien qed jilmenta dwar il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart, fejn talab jekk hux possibbli li l-ġbir jibda jsir għat-8 ta' filgħodu. Wara diskussjoni li saret, ġie deċiż li l-ġbir ma jistax jibda fit-8 ta' filgħodu, però ser tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur sabiex il-ġbir tal-iskart ma jinbediex qabel is-7.00 am. Talba biex jinbidel il-ħin tal-ġbir tal-iskart

**5.00 Data tas-seduta li jmiss**

5.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru 2013 fis-6.00 pm. Aġġornament

5.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15 pm.

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**